San Pawl Il-Bahar

# Il- laqgħa Nru 2 tat-tieni Kumitat Amministrattiv Burmarrad saret nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu fil-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

| | |
|---|---|
| Simone Aquilina | Cermen |
| Michael Borg Olivier | Vici Cermen |
| Georgie Zahra | Membru |
| Lara Piscopo | Membru |
| Galea Rodney | Membru |

| | |
|---|---|
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**

***Bidu tal-laqgha.***

**Bidu tal-laqgha.**

Ic-Cermen tal-KAB - Simone Aquilina bdiet billi rringrazzjat lil dawk kollha prezenti ghal-laqgha u stiednet lis-Sinjura Rita Bartolo li tmexxi Palazzo Promotorjo, biex tispjega xi problemi jkun hemm meta fil-Wardija jkun hemm xi tigijiet. Hija qalet li ser jibdew juzaw il-parkegg tal-iskola ghall dawn l-attivitajiet u qalet ukoll li hija personalment ma' taqbilx li fit-tigijiet jinharqu murtali ghad-detriment tar-residenti.

Kompliet tispjega wkoll li billi jkun hemm parkegg fuq iz-zewg nahat tat-triq gieli jkun hemm problem kbar u sahansitra residenti jkunu msakkrin fid-djar tagghom peress li jkollhom l-access tad-dar maghluq bil-karozzi pparkjati quddiemhom.

**Problemi ta' parkegg.**

Gie maqbul li biex tittaffa l-problema ta' parkegg meta jinzertaw ikun hemm zewg tigien fil-Wardija –jehlu tabelli tan-No Parking matul it-triq u jsir refreshing tal-linji sofor li hemm ezistenti.

***Is-Sinjura Rita Bartolo*** ikkonfermat li minn naha taghha ser tibda taghmel uzu mill-bitha tal-iskola biex hafna mill-karozzi jipparkjaw gewwa u eventwalment titnaqqas il-problema li jkun hemm fit-toroq. Ic-Cermen Simone Aquilina rringrzzjat lis-Sinjura Rita Bartolo tal-kollaborazzjoni taghha f'dan ir-rigward.

***Approvazzjoni tal-Minuti.***

Ic-Cermen tal-KAB resqet il-minuti ghall-approvazzjoni peress li dawn kienu intbghatu minn qabel. Dawn gew approvati unanimament minn dawk kollha prezenti.

***Punti li johorgu mill-minuti.***

Tindif tal-kanal tal-ilma quddiem il-Palazz l-ahmar. Gie maqbul biex ghall-darba ' ohra jitnaddaf il-kanal tal-ilma li hemm quddiem il- Palazz l-ahmar minhabba li xi hadd irresponsabbli ghogbu jitfa' terrapien fl-istess kanal bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita ma' jinzilx ghall gol-wied.

***Bring-In-Site* ta' Burmarrad.**

Gie maqbul li jitnehhew il-Bring-In-Site ta' Burmarrad minhabba li kienu qed jigi abbuzati kontinwament billi jitfghu skart li suppost jingabar mill-Bulky Refuse collector u sahansitra annimali mejta u fdalijiet ta' ikel. Ghaldaqstant dawn ghandhom jitnehhew mill-aktar fis-possibli u titnaddaf iz-zona.

**Tabella bir-riklam quddiem il-klinika ta' St. James.**

Billi kienet twahhlet tabella bir-riklam tal-klinika ta' St. James minghajr ma' kien thallas il-permess biex tigi mwahhla l-istess tabella, gie deciz li tinkiteb ittra biex it-tabella tehel aktar lura u biex jithallas l-ammont dovut lill KAB.

**Triq Busewdien**

Ic-Cermen tal-KAB Simone Aquilina spjegat li kien hemm il-qbil mall-Kunsill Lokali li billi t-Triq ta' Busewdien giet stima sostanzjali u l-KAB m'ghandux il-fondi necessarji biex jidhol

ghall dan il-progett wahdu, bi qbil mall Kunsill ser isir ix-xoghol fuq fazijiet. Hekk, gie maqbul li jibda x-xoghol b'kemm jisewew 30K. Gie maqbul li l-ispiza ta' kull darba tinqasam 15K minghand il-KAB u 15K minghand il-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar. Ix-xoghol ikompli kull sena halli eventwalment titlesta t-triq kollha.

**Triq tal-Wardija.**

Gie deciz li tinkiteb ittra lill TM biex tissewwa t-triq li taghti ghall-Wardija peress li tinsab fi stat hazing hafna. Billi s-segretarju qal li ga kienet intbghatet ittra f'dan ir-rigward ghanda tinkiteb reminder fuq l-istess suggett.

**Suggeriment mill-membri tal-KAB**

Is-Sinjura Piscopo qalet li ghandu jsir programm ta' manutenzjoni biex jibdew jitrangaw il-hitan tas-sejjieh fl-inhawi tal-Wardija. Ghandu wkoll jingibed l-attenzjoni fejn possibli lill bdiewa biex kemm jista' jkun jissewwew il-hitan tal-ghelieqi tagghom.

Is-Sur Roderick Galea qal li ghandu jinkiteb ittra lil Sammy Cremona biex jinzabru s-sigar li hemm quddiem id-dar tieghu minhabba li kull darba qed ikun hemm hsara fil-wires tas-sistema tad-dawl tat-triq.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha ntemmet fis-6.44pm u giet aggornata ghall nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2014 fil-5.30pm.

____________________________

Simone Aquilina
Chairman Kumitat Ammministrattiv.

____________________________

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.